IL-KNISJA F'MALTA

14 ta' Marzu 2015
33/2015

## L-INGRESS SOLENNI TAL-ISQOF DJOĊESAN FIL-KATIDRAL

Bi drawwa antika, li x'aktarx tmur lura għaż-żmien meta l-Isqfijiet kienu jdumu biex jaslu fid-djoċesi li tkun ġiet mogħtija lilhom, l-Isqof nominat, wara li jkun irċieva l-ordinazzjoni episkopali kien jieħu pussess tad-djoċesi tiegħu permezz tar-rappreżentant maħtur minnu. It-tul ta' żmien biex l-Isqof il-ġdid jidħol fid-djoċesi, kien ikun determinat minn diversi fatturi, fosthom id-diffikultajiet li l-ivjaġġar kien iġib miegħu, jew anke konsegwenza tal-akkumulazzjoni tal-benifiċċji, fejn l-Isqof kien spiss ikun nominat għal-diversi djoċesijiet f'daqqa, abbuż li r-riformi tal-Knisja, ibda minn dik Gregorjana sal-Konċilju ta' Trentu kollha kkundanaw u ppruvaw jindirizzaw. Dawn il-fatturi ħolqu il-bżonn li l-Isqof jieħu il-pussess tad-djoċesi tiegħu permezz ta' rappreżentant maħtur minnu.

Fid-djoċesi ta' Malta, anke wara sekli li l-Isqfijiet kienu residenti, din id-drawwa baqgħet tinżamm sas-seklu għoxrin. Għalhekk wara li l-Isqof kien ikun irċieva l-ordinazzjoni episkopali, kien jaħtar lil xi ħadd, biex f'ismu jieħu pussess tad-djoċesi. Hekk insibu, li eżattament mitt sena ilu, Dom Mauro Caruana[1], maħtur Isqof-Arċisqof tad-djoċesi ta' Malta, nhar is-27 ta' Frar 1915, permezz ta' att notarili quddiem in-nutar Paolo Vassallo, ħatar lil Mons. Ġuzeppi dei marchesi De Piro d'Amico, dekan koadjutur tal-Kapitlu Metropolitan, biex f'ismu jieħu pussess urban tas-sede Maltija[2]. De Piro wettaq dan l-obbligu fil-preżenza tal-Kapitlu Metropolitan, nhar l-14 ta' Marzu 1915.

Hekk wara li l-Isqof ikun ħa pussess tad-djoċesi tiegħu, kien ikun imiss li jwettaq l-ewwel daħla solenni tiegħu fil-Katidral, liema att kien magħruf bħala l-Ingress Solenni. Dan l-att kien jitwettaq skont ma' jitlob il-'*Pontificale Romanum*', ktieb liturġiku li jispjega b'mod dettaljat il-funzjonijiet kollha li l-Isqof iwettaq fil-qadi tal-ministeru liturġiku tiegħu, ċerimonja f'dan il-każ spjegata fl-'*Ordo ad recipiendum processionaliter Praelatum vel Legatum*'[3]. Huwa fil-fatt dan l-ingress li daħal fl-immaġinazzjoni u t-tradizzjoni tal-knisja lokali, minħabba r-riratti u d-deskrizzjonijiet li jeżistu tal-Ingress Solenni kemm ta' Mons. Mauro Caruana, kif ukoll dak tal-1943, ta' Mons. Mikiel Gonzi. Ġewwa d-djoċesi Maltija, dan l-att liturġiku ġie mżewwaq bi tradizzjonijiet lokali, li għal raġunijiet storiċi saru parti mill-att innifsu.

Minn żmien qabel, l-Isqof kien jippublika d-data meta kien se jwettaq din id-daħla solenni, li għaliha kien iħeġġeg biex jattendu lill-membri tal-Kapitlu Metropolitan, il-membri tal-kapitli l-oħra, il-kleru regolari u sekolari, kif ukoll il-poplu. Hekk insibu, per eżempju, li Mons. Caruana, permezz ta' Ittra Pastorali ippublikata nhar il-31 ta' Marzu 1915[4], avża li kellu jwettaq dan l-Ingress nhar it-Tnejn 19 t'April, u spjega b'mod dettaljat kif kienet sejra ssir il-purċissjoni skont kif kien mitlub mit-tradizzjoni. Lejliet l-Ingress, kienet id-drawwa li l-Isqof jitla' r-Rabat għand il-Patrijiet Dumnikani, fejn dawn joffrulu ċ-ċena, biex iwettqu obbligu li kellhom lejn l-Isqof. Dak il-lejl l-Isqof jgħaddih fil-kunvent tagħhom. L-għada filgħodu, javża Mons. Caruana, fit-8:15 kellu jitlaq b'mod proċessjonali mil-kunvent tad-Dumnikani akkumpanjat mill-familjari tiegħu, u quddiemu s-salib veskovili. Minn hemm il-purċissjoni tasal fil-kunvent ta' San Mark, tal-patrijiet Agostinjani.

Skont ma' jitlob il-Pontifikal Ruman għall-Ingress tal-Isqof, fil-kunvent ta' San Mark l-Isqof jilbes l-ilbies pontifikali, jiġifieri l-amittu, r-rukkett jew alba, l-istola, il-kappa prezzjuża u l-mitra prezzjuża. L-Isqof hemm jiġi offrut il-kurċifiss biex ibusu, u akkumpanjat mill-membri tal-Kapitlu Metropolitan, u mill-Prepostu, mill-kapillani, il-kleru, il-komunitajiet reliġjużi, il-fratellanzi u l-poplu, kien jitwassal proċessjonalment f'purċissjoni li kienet tidħol ġewwa l-belt tal-Imdina mill-bieb prinċipali. Kienet drawwa sabiħa li l-Isqof jirkeb fuq debba, b'tifkira ċara ta' dak li għamel Kristu, meta daħal ġewwa Ġerusalemm riekeb fuq ħmara il-jiem ta' qabel il-passjoni tiegħu. Dejjem skont ma' jitlob il-Pontifikal Ruman, l-Isqof kien jimxi taħt baldakkin, li llum jintuża biss għall-purċissjonijiet ewkaristici, imma li qabel ir-riforma kien privileġġ li kienu jgawdu minnu kemm il-Papa, il-Kardinali u l-Isqfijiet, il-legati pontifiċji, kif ukoll l-Imperaturi u ir-Rejiet, u x'aktarx kien simbolu li juri, bħalma kien il-baldakkin fuq it-tron, il-potestà, jiġifieri il-qawwa ta' ġurisdizzjoni li dik il-persuna kienet tgawdi f'dak it-territorju.

Nafu li kien hemm id-drawwa li l-Isqof jingħata merħba fil-bieb tal-belt minn rappreżentant tan-nobbiltà Maltija. Minn hemm, il-purċissjoni kienet tibqa' dieħla lejn il-Katidral. Mal-wasla fil-Katidral, l-Isqof kien iwettaq ir-riti stabbiliti, iroxx l-ilma mbierek fuq il-fidili, jinċensa u jsellem lis-Santissimu Sagrament fil-kappella tiegħu. L-Isqof kien jitla' fuq il-presbiterju, u hemm bilqiegħda fuq il-faldistorju jiġi imlibbes għall-quddiesa skont id-drawwa.

L-Isqof imbagħad kien jiċċelebra il-quddiesa stazzjonali. Dan id-dettal jeħodna lura għall-ewwel sekli tal-istorja tal-Knisja, fejn l-Isqof kien jiċċelebra regolarment quddiesa bil-kleru u l-komunità tiegħu preżenti madwaru. Għalhekk din il-parti hija l-qofol taċ-ċerimonja kollha, għax hija l-aqwa espressjoni tal-knisja lokali, miġbura madwar ir-Ragħaj tagħha. F'din l-okkażjoni, kif iħabbar Dom Mauro Caruana, fl-ittra pastorali imsemmija, il-Papa kien jagħti

permess lill-Isqof biex dan jagħti l-barka solenni bl-indulġenza plenarja lil dawk kollha li jassistu għall-quddiesa pontifikali.

L-aħħar darba li dan ir-rit antik tal-Ingress ġie segwit, kien fil-każ tal-Isqof Mikiel Gonzi, nhar il-21 ta' Mejju 1944[5]. L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel l-Ingress tiegħu nhar it-12 ta' Diċembru, 1976[6]. Dan ir-rit ukoll ġie simplifikat permezz tar-riforma liturġika mitluba mill-Konċilju Vatikan II, skont dak li ġie stabbilit fiċ-'*Caeremoniale Episcoporum*'[7], promulgat mill-Papa Ġwanni Pawlu II, nhar l-14 ta' Settembru 1984. Il-partijiet essenzjali tar-rit kollha ġew miżmuma, li fil-qalba tiegħu baqgħet il-quddiesa stazzjonali. Waqt din il-quddiesa, għandha tiġi murija u moqrija minn membru tal-kulleġġ tal-konsulturi l-'Ittra Appostolika', li għaliha il-fidili miġbura jwieġbu "*Deo Gratias*". Wara, l-Isqof jieħu postu fuq il-kattedra tiegħu, jiġi indirizzat mill-ewwel dinjitarju tal-kapitlu metropolitan, u wara jirċievi l-omaġġ u l-ubbidjenza tal-kapitlu metropolitan, tal-kleru, u tal-poplu. Din il-funzjoni, hekk sinifikativa, tesprimi il-knisja lokali fil-milja kollha tagħha.

---

[1] Dom Mauro Caruana, ġie maħtur Isqof-Arċisqof ta' Malta mill-Papa Benedittu XV nhar it-22 ta' Jannar 1915.

[2] ACM, 1915, *Copia dell'atto notarile di Dom Mauro Caruana negli atti del notaio Paolo Vassallo*, 27 febbraio 1915, fol. 87r.-88r.

[3] *Pontificale Romanum, reimpressio editionis iuxta typicam anno 1962 publici iuris factae, partibus praecedentis editionis ab illa omissis, introductione et tabulis aucta*, AnthonyWARD-Cuthbert JOHNSON (ed.), Roma, C.L.V. -Edizioni Liturgiche, 1999.

[4] Dom Mauro CARUANA, *Ittra pastorali* 31 ta' Marzu 1915.

[5] Mons. Mikiel Gonzi ġie maħtur Koadjutur bid-dritt tas-suċċessjoni nhar l-14 t'Ottubru 1943, u għalhekk sar Isqof ta' Malta, nhar is-17 tà Dicembru 1943, jum il-mewt ta' Mons. Mauro Caruana OSB. Id-djoċesi Maltija ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Arċidjocesi mill-Papa Piju XII fl-1944, u għalhekk Mons. Gonzi ġie mogħti t-titlu ta'Arċisqof nhar l-1 ta' Jannar, 1944 u daħal għall-ewwel darba fil-Katidral bħala Arċisqof nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju, 1944.

[6] Il-Papa Pawlu VI ħatar lil Mons. Ġużeppi Mercieca bħala Isqof Awżiljarju ta' Mons. Gonzi nhar is-27 ta' Lulju, 1974. Mons. Mercieca ġie nominat Arċisqof ta' Malta nhar id-29 ta' Novembru, 1976.

[7] *Caeremoniale Episcoporum, Ex decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Ioannis Pauli PP. II proulgatum*, Editio typica, 1984, *De Episcopi receptione in sua cathedrali ecclesia*, 1141-1148.